QALA

Ref Nru: 20

Il-minuti tal-ghoxrin laqgha tas-sitt leglislatura tal-Kunsill Lokali Qala, li nzammet nhar il-Hamis 28 ta' Novembru 2013, fis-7:00 ta' fil-ghaxija, fl-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill.

Prezenti:

| | |
|---|---|
| Sindku: | Clint Camilleri |
| Vici Sindku: | Paul Buttigieg |
| Kunsillieri: | Jesmond Borg<br>Victor Grech<br>Paul Buttigieg |
| Segretarja Ezekuttiva: | Marcia Borg |

**1 Talba**

1.1 Il-laqgha nbdiet permezz ta' talba u giet preseduta mis-Sindku.

**2 Premju Unur Gieh il-Qala 2013.**

2.1 Is-Sindku semma li huwa ghadu qed jipproponi li Premju Unur Gieh il-Qala 2013 ghandu jinghata lil Geoffrey Muscat li huwa ufficjal tal-*fire and rescue* peress li dan l-ahhar salva hafna hajjiet ta' nies li fihom ipperikola hajtu biex isalvahom jigifieri mhux talli qada dmiru imma talli qabez izjed minn normal. Il-Kunsill qabel ma dan.

**3 Attivitajiet ghal zmien il-Milied 2013.**

3.1 Is-Sindku ta spejgazzjoni tal-programm tal-attivitajiet li ser jigu organizzati ghal zmien il-Milied 2013 fosthom Premju Unur Gieh il-Qala u s-serata ghall-familji. Huwa semma li t-tizjin bid-dwal tal-Milied ta' Triq it-28 t'April 1688 ser isir mill-Ghaqda Muzikali 'Ite ad Joseph'.

Is-Sindku semma li ghandu xi materji ohra li jixtieq isemmi li huma:

- Giet issottometta applikazzjoni mill-Kunsill sabiex jinghata fondi mill-EAFRD - mizura 125. It-triq li ghaliha applika l-Kunsill sabiex jinghata l-fondi huma ghal parti minn Triq Wied Simar.

- Huwa ta spejgazzjoni fuq il-progetti li qed isiru permezz tal-fondi tal-EAFRD tal-mizuri 313 u 323.

- Is-Sindku ta spejgazzjoni dwar il-progett sabiex il-grawnd tal-futbal tal-Qala jsir bit-*turf*. Dan il-progett ser jigi ffinanzjat mill-*Gozo Football Association*. Huwa semma li l-*platform* tal-konkos ser isir ghas-spejjez tal-Kunsill. Il-Kunsill iddiskuta li din hija spiza kbira u gie deciz li jsir talba dwar tistax tinghata xi tip ta' ghajnuna mill-Ministeru ghal Ghawdex.

- Is-Sindku semma li huwa tkellem mal-kumpanija ECL fejn talab xi stimi dwar it-tindif/thawwil tar-*roundabouts/soft areas* li ghandha fil-lokalita`. Is-Sindku semma li l-kontijiet tad-Dipartiment tal-Agrikultura dwar it-tindif tal-Belveder qed jigu mhallsa partijiet minnhom biss. Tax-xoghol li mhux isir mhux qed jigi mhallas.

Il-laqgha ntemmet fit-8:00 ta' filghaxija. Laqgha ohra giet stabbilita ghal nhar l-Erbgha 18 ta' Dicembru 2013.

| | |
|---|---|
| Clint Camilleri | Marcia Borg |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |